SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

## Laqgħa Nru. 34/KA2/17

01 ta' Novembru 2017

Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Albert Bonello Ghio – Ċermen
Michael La Rosa – Viċi-Ċermen
Joe Oliva - Membru
Maria Dolores Falzon - Membru

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)**

Richard Scicluna – Membru

**Assenti:**

L-ebda Membru ma' kien assenti.

**Uffiċjal Preżenti**

Guido Dalli – Sindku
Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

**Minuti**

Iċ-Ċermen, is-Sur Albert Bonello Ghio ppresieda l-laqgħa.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**34.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

34.01.01 Il-Membru Richard Scicluna nforma lill-Kumitat Amministrattiv li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali għalhekk ġie skużat.

**34.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

34.02.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 33/KA2/17 għall-approvazzjoni.

34.02.02 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

34.02.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

34.02.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**34.03 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

34.03.01 Is-Segretarju informa lill-Kumitat Amministrattiv li fir-rigward it-Transport Malta min-naħa tagħna konna irrispondejnihom.

34.03.02 Is-Sur Joe Oliva qajjem il-punt li ħdejn il-*Bank of Valletta* qieghed ikun hemm l-imwejjed u siggijiet fuq l-bankina b'konsegwenza li n-nies ma jkunux jistgħu jgħaddu minn fuq il-bankina.

Is-Segretarju informa lill-Kumitat li min-naħa tagħna ktibna ittra u anke qed niktbu ittri lil min qieghed joħroġ l-iskart.

34.03.03 Is-Sur Guido Dalli iddiskuta il-materja dwar din is-sitwazzjoni mal-*Malta Tourism Authority* fejn min-naħa ta' l-*Malta Tourism Authority* kellhom jibagħatu email.

34.03.04 Is-Sur Guido Dalli informa lill-Kumitat Amministrattiv li ser issir laqgħa mal-kuntrattur ta' Galea Solutions dwar il-ġbir ta' l-iskart minħabba li l-iskart qiegħed jinġabar kmieni wisq għall-Paceville.

34.03.05 Is-Sur Guido Dalli informa lill-Kumitat Amminsitrattiv li l-*Malta Tourism Authority* kienet ser taħtar *Town Manager* għall-Paceville. Dan sabiex jkun jista jikoordina x-xogħol u servizzi ġewwa Paceville. Il-Kumitat Amminsitrattiv wera xewqa li kif tinħatar din il-persuna, dan għandu jikoordina flimkien mal-Kumitat Amministrattiv sabiex jisma l-ilmenti u s-suġġerimenti tiegħu.

**34.04 Talbiet żgħar**

34.04.01 Ma kien hemm l-ebda talbiet żgħar

**34.05 Proposti għall-Proġett f' Paceville;**

34.05.01 Saret diskussjoni fejn il-Kumitat Amministrattiv qabel li qabel jibda jiddiskudi proġett speċifiku, hemm bzonn li jara kif ħa jissolvew l-problemi basiċi ta' Paceville, Għalhekk kien hemm qbil li ssir laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv fejn fiha jiddiskudu ittra miftuħa li trid tintbgħat lill-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppozizzjoni dwar diversi ilmenti.

**34.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets***

34.06.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. sa nru. għall-approvazzjoni. (Ara Appendiċi 'A')

34.06.02 Il-Viċi Ċermen Michael La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

34.06.03 Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio ssekondah.

34.06.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**34.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

34.07.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

34.07.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

34.07.03 Il-Viċi Ċermen Michael La Rosa ssekondah.

34.07.04 Il-pagamenti ġew approvati.

**33.08 Materji oħra**

33.08.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li Triq Spinola kantunuiera ma' Triq il-Knisja hemm bżonn li tiġi rrangata n-*no entry sign*, kif ukoll tiġi rranġata *l-bollard* fi Triq id-Dragunara kantuniera ma' Trejqet Dragunara.

**33.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

33.9.01 Il-laqgħa ntemmet fil-5.05p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 08 ta' Novembru 2017.

Konfermati, illum il-Erbgħa 08 ta’ Novembru 2017.

| | |
|---|---|
| **Albert Bonello Ghio** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |